**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 677/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Zerafa)**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Patrick Mangion**

**Illum 9 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta 'Patrick Mangion, iben Anthony Mangion u Joan neè Camilleri, imwieled fit-30 ta 'Jannar 1973 u detentur tal-Karta ta 'l-Identità bin-Numru 68773(M), talli nhar id-9 ta 'Novembru 2020, għall-ħabta ta '13:20hrs minn ġewwa San Twan, Triq Ġużepp Saliba, Luqa:

1. Ikkommetta serq ta' ġiżirana u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta 'Alexander Cauchi, anzjan ta 'sebgħin sena u/jew persuni oħra;

U wkoll talli nhar it-2 ta 'Novembru 2020, għall-ħabta ta '14:00hrs minn ġewwa 2, Vjal Simmons, Tarxien:

2. Ikkommetta serq ta 'flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok u l-valur, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta 'Joseph Sciberras, anzjan ta 'sitta u sittin sena u/jew persuni oħra;

U kif ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi:

3. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., fid-Digriet tagħha datat 14 ta 'Diċembru 2017 u varjati parzjalment nhar it-12 ta 'Ottubru 2018, li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., fid-Digriet tagħha datat 17 ta 'April 2019 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., fid-Digriet tagħha datat 4 ta ' Awwissu 2020 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tirrevoka s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta 'Malta kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta 'Patrick Mangion u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu fejn b'diversi Digrieti iktar 'l fuq imsemmija kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma 'Patrick Mangion bħala reċidiv ai termini ta 'l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, meta hu kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzai ta 'reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura li serviet jew li kienet maħsuba biex isservi sabiex isir ir-reat;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Patrick Mangion għall-ħlas ta 'spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta 'Esperti jew Periti fil-proċeduri hekk kif provdut fl-Artikolu 533 ta-Kap.9 tal-Liġijiet ta ' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta 'l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "SZ1" sa 'Dok. "SZ8" a fol. 8 sa '32 tal-proċess, fosthom il-Kunsens ta 'l-Avukat Ġenerali ai termini ta 'l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta;

[1] Fol 7 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta 'l-Ispettur Sarah Zerafa[2], ta 'Alexander Cauchi[3], Joseph Sciberras[4], PS831 Jonathan Bordieri[5] u ta 'PC471 Michael Briffa[6] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta 'Diċembru 2020, rat id-dokumenti, ossia ritratti, esebiti mill-Ispettur Sarah Zerafa lkoll markati bħala Dok. "SZ9" a fol. 46 sa '48 tal-proċess u rat l-arloġġ esebit minn Joseph Sciberras markat bħala Dok. "JS" a fol. 60 tal-proċess u CD esebit minn PC471 Michael Briffa markat Dok. "MB" a fol. 64 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta 'l-Ispettur Paul Camilleri mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta 'Dicembru 2020[7] u tat-22 ta 'Jannar 2021[8] u rat ħwejjeġ u bastun markati rispettivament Dok. "PC1"[9] u Dok. "PC2"[10], l-mobile ta 'l-għamla Nokia u sim Card tal-Vodafone markati Dok. "PC3" a fol. 69 tal-proċess kif ukoll id-dokumenti, ossia ritratti, lkoll flimkien markati Dok. "PC4" a fol. 70 sa '75 tal-proċess u d-dokumenti "PC5" sa 'Dok. "PC8" a fol. 107 sa' 140 tal-proċess ilkoll esebiti mill-Ispettur Paul Camilleri, semgħet ix-xhieda ta 'l-Espert Tekniku John Sacco mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta 'Jannar 2021[11] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 87 sa '104 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta ' PS1395 Warren Chris Muscat[12] u ta 'Stephen Cachia in rappreżentanza ta ' Transport Malta[13], mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta 'Frar 2021 u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "SC" a fol. 145 sa '147 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta 'l-Ispettur Lydon Zammit[14], ta 'l-Ispettur Hubert Cini[15], ta 'PS1147 Antoine Fenech[16] u ta 'PC1048 Darren Darmanin[17] mogħtija waqt is-seduta ta 'l-10 ta 'Mejju 2021 u semgħet ix-xhieda ta 'Franklin Calleja, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta 'Lulju 2021[18], semgħet ix-xhieda ta 'l-Ispettur Saviour Baldacchino mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta 'Lulju 2021[19] u semgħet ix-xhieda ta 'l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar mogħtija waqt is-seduti tat-2 ta 'Settembru 2021[20] u tat-28 ta 'Ottubru 2021[21] u rat ir-Relazzjonijiet tagħha markati Dok. "MC" a fol. 168 sa '171 tal-proċess u Dok. "MCX" a fol. 177 sa '181 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li huwa mhux ser jixhed u li ma għandux provi x'jressaq;

---

[2] Fol. 44 u 45 tal-proċess.
[3] Fol. 49 sa' 55 tal-proċess.
[4] Fol. 56 sa' 59 tal-proċess.
[5] Fol. 61 tal-proċess.
[6] Fol. 62 tal-proċess.
[7] Fol. 65 sa' 68 tal-proċess.
[8] Fol. 105 u 106 tal-proċess.
[9] Esebit Nru. KA 152/2021 – fol. 149 tal-proċess.
[10] Esebit Nru. KA 376/2021 – fol. 174 tal-proċess.
[11] Fol. 85 u 86 tal-proċess.
[12] Fol. 142 u 143 tal-proċess.
[13] Fol. 144 tal-proċess.
[14] Fol. 151 tal-proċess.
[15] Fol. 152 tal-proċess.
[16] Fol. 153 tal-proċess.
[17] Fol. 154 u 155 tal-proċess.
[18] Fol. 158 u 159 tal-proċess.
[19] Fol. 161 tal-proċess.
[20] Fol. 166 u 167 tal-proċess.
[21] Fol. 176 tal-proċess.

Semgħet is-sottomissjonijiet da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar id-9 ta 'Novembru 2020, għall-ħabta ta ' 13:20hrs minn ġewwa San Twan, Triq Ġużepp Saliba, Luqa: (1) ikkommetta serq ta' ġiżirana u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur, liema ammont ma jeċċedix €2,329.37 u dan għad-detriment ta 'Alexander Cauchi, anzjan ta 'sebgħin sena u/jew persuni oħra; U wkoll talli nhar it-2 ta ' Novembru 2020, għall-ħabta ta '14:00hrs minn ġewwa 2, Vjal Simmons, Tarxien: (2) ikkommetta serq ta 'flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok u l-valur, liema ammont ma jeċċedix €2,329.37 u dan għad-detriment ta 'Joseph Sciberras, anzjan ta 'sitta u sittin sena u/jew persuni oħra; U kif ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi: (3) naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., fid-Digriet tagħha datat 14 ta 'Diċembru 2017 u varjati parzjalment nhar it-12 ta 'Ottubru 2018, li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., fid-Digriet tagħha datat 17 ta 'April 2019 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., fid-Digriet tagħha datat 4 ta 'Awwissu 2020 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet. Il-Prosekuzzjoni in oltre titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta 'l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, meta hu kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzai ta 'reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

Kif appena osservat l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija li nhar id-9 ta 'Novembru 2020, għall-ħabta ta '13:20hrs minn ġewwa San Twan, Triq Ġużepp Saliba, Luqa: (1) ikkommetta serq ta' ġiżirana u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur, liema ammont ma jeċċedix €2,329.37 u dan għad-detriment ta 'Alexander Cauchi, anzjan ta 'sebgħin sena u/jew persuni oħra.

Għall-finijiet ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda:

- **L-Ispettur Sarah Zerafa**[22], illi xehdet li fit-13 ta' Novembru 2020 daħal rapport minn ċertu Alexander Cauchi li rrapporta li waqt li kien bilqiegħda fuq l-għatba tal-bieb ta' barra tad-dar tiegħu "San Twan" Triq Ġużepp Saliba, Ħal-Luqa, koppja, ossia raġel u mara, ipparkjaw il-vettura tagħhom quddiem id-dar tiegħu u bdew ikellmuh. Ir-raġel poġġa bilqiegħda ma' ġembu u qagħad ikellmu u ħin minnhom talbu biex juża t-toilet tiegħu u dan Alexander Cauchi daħħlu ġewwa d-dar. Hekk kif dan ir-raġel ħareġ mit-toilet, baqa' ħiereġ 'l barra, rikeb fil-karozza u flimkien mal-persuna l-oħra telaq minn fuq il-post. Eventwalment Alexander Cauchi nduna li kienet insterqitlu ġiżirana tad-deheb li huwa kellu fuq il-bank tal-kċina, liema bank qiegħed fit-triq (ossia *on the way to*) għat-toilet tar-residenza tiegħu.

  L-Ispettur Zerafa kellmet lil dan Alexander Cauchi direttament u anke aċċediet ġewwa r-residenza tiegħu fejn ħadet ritratt tal-kċina, liema ritratt juri il-bank fejn kien hemm il-ġiżirana tad-deheb li rrapporta li nsterqitlu. Dan ir-ritratt ġie esebit mill-Ispettur Zerafa u markat bħala Dok. "SZ9" a fol. 46 tal-proċess. In fatti huwa ndikalha li din il-ġiżirana kienet ħdejn il-pakkett tas-sigaretti li jidher fuq il-bank fir-ritratt. L-Ispettur Zerafa xehdet ulterjorment illi saret tfittxija għal filmati u fil-fatt inġabar filmat minn liema jirriżulta ikkonfermat li dakinhar tad-9 ta' Novembru 2020 waqfet vettura bajda, bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426, li rriżulta li hi reġistrata fuq l-imputat Patrick Mangion, waqt li Alexander Cauchi kien bilqiegħda fuq tarġa. Din il-vettura ġiet pparkjata quddiem Cauchi u l-imputat jidher joħroġ mill-vettura, jitkellem ma' Cauchi u eventwalment jidħol fir-residenza tiegħu. L-Ispettur esebiet żewġ stills minn dan il-footage li ġew markati Dok. "SZ10" u Dok. "SZ11" a fol. 47 u 48 tal-proċess.

- **Alexander Cauchi**[23], illi xehed illi huwa joqgħod fil-fond "San Twan" Triq Ġużepp Saliba, Luqa, u li f'Jannar 2021 jagħlaq 71 sena. Xehed illi f'ġurnata tat-Tnejn huwa kien qiegħed bilqiegħda fuq l-għatba tad-dar tiegħu u f'ħin minnhom raġel ipparkja l-karozza tiegħu quddiemu u qallu *jimporta noqgħod fuq l-għatba u jien għedtlu lanqas xejn. Wara ftit qalli nixtieq nagħmel toilet jimporta u dakinhar ħadieli. ... Dħalt warajh imma biex ma noqgħodx inħares lejn it-toilet qgħadt hekk inħares lejn il-bitħa u dak il-ħin ħadieli minn fuq il-bank. ... x'ħin ħareġ ma reġax qagħad fuq l-għatba ħdejja imma daħal ġol-karozza u telaq. Wisq probabbli kellu mara miegħu għax kienet se tinżel imma wiċċha ma rajtux.* Mistoqsi skontu x'ħadlu dan ir-raġel, Alexander Cauchi wieġeb li ħadlu ġiżirana li kienet tifkira ta' ommu u muri r-ritratt markat Dok. "SZ9" a fol. 46 tal-proċess, huwa ddikjara li din il-ġiżirana kienet fuq il-bank tal-kċina ħdejn il-pakkett tas-sigaretti u n-nuċċali. Muri r-ritratti Dok. "SZ10" u Dok. "SZ11" a fol. 47 u 48 tal-proċess, Alexander Cauchi għaraf lilu nnfisu fir-ritratti u mmarka l-vettura li minnha ħareġ ir-raġel in kwistjoni u li reġa' daħal fiha wara li ħareġ mir-residenza tiegħu. Mistoqsi jekk

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020, fol. 44 u 45 tal-proċess.
[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020, fol. 49 sa' 55 tal-proċess.

fl-Awla kienx qed jagħraf lil xi ħadd, Alexander Cauchi wieġeb li ma kien qed jagħraf lil ħadd.

Mistoqsi jekk wara dan ir-raġel li daħal fir-residenza tiegħu, kienx daħal xi ħaddieħor Alexander Cauchi wieġeb *xi ħadd minn ħuti jiġi u jġibuli xi ħaġa ta' l-ikel għax jiena waħdi noqgħod imma qatt ma missewli xejn.* Mistoqsi meta induna li l-ġiżirana kienet nieqsa huwa wieġeb li kien il-pittgħada li dan ir-raġel kien daħal fir-residenza tiegħu, ossia dan ir-raġel daħal it-Tnejn u hu induna li l-ġiżirana kienet nieqsa l-Erbgħa. Mistoqsi minn kien hemm nies fir-residenza tiegħu bejn it-Tnejn u l-Erbgħa, Cauchi wieġeb li kien waħdu u li għalkemm kultant iżuruh ħutu, f'dawk il-jiem, ossia bejn it-Tnejn u l-Erbgħa ma kien daħal ħadd. Mistoqsi wkoll dwar il-valur ta' din il-ġiżirana tad-deheb, Alexander Cauchi wieġeb *ħuti l-bniet ikkalkulaw li tiswa 600.* Mistoqsi jekk humiex sitt mitt Euro jew sitt mitt Liri Maltin, wieġeb *ma nafx, lili qaluli hekk ħuti.* Huwa ddeskriva din il-ġiżirana bħala ġiżirana tad-deheb li kellha wiċċ ta' Kristu kif ukoll ċurkett bi Kristu msallab. Alexander Cauchi xehed ukoll illi huwa kien ried jagħti din il-ġiżirana, li kienet tathielu ommu qabel ma mietet, lill-oħtu peress li ġġiblu l-ikel u ta' spiss kienet titlobhielu.

In kontro-eżami Alexander Cauchi kkonferma li r-raġel imsemmi minnu kien daħal għandu fil-ġurnata tat-Tnejn, hu nduna li kellu l-ġiżirana nieqsa l-Erbgħa u għamel ir-rapport mal-Pulizija l-Ħamis. Mistoqsi mill-ġdid dwar il-familjari tiegħu u li ġieli jġibulu l-ikel, Alexander Cauchi reġa' tenna *iva, kultant jiġu però qatt ma messewli xejn.* Mistoqsi b'kemm frekwenza jiġu għandu, huwa wieġeb *kultant jiġu għax ukoll qaluli biex immur noqgħod magħhom biex ma noqgħodx waħdi.*

- **PC471 Michael Briffa**[24] illi xehed li *jiena niżżilt filmat minn ġewwa Triq Ġanni Vassallo kantuniera ma' Triq Ġużeppi Saliba nhar id-9 ta' Novembru 2020, ħin tal-filmat 12:56p.m. li huwa ħin reali, fejn tidher vettura ta' l-għamla Toyota ta' lewn abjad bin-numru tar-reġistrazzjoni KBN-426 tipparkja quddiem ir-residenza tal-vittma. Minn ġo din il-vettura jinżel raġel ta' statura well built, identifikajnieh bħala Patrick Mangion bl-ID Card Number 68773(M) li f'idejh kellu bastun.* Dan il-filmat ġie esebit minnu bħala Dok. "MB".

- **L-Ispettur Paul Camilleri**[25] illi xehed illi: *investigajna lil Patrick Mangion li qed nagħraf hawnhekk preżenti fuq żewġ serqiet – waħda Ħal Luqa u l-oħra Ħal Tarxien. Bażikament, inħareġ mandat ta arrest minn din il-Qorti nhar it-22 ta Novembru ta din is-sena u l-imputat ġie arrestat nhar it-23 ta Novembru ta din is-sena meta mar biex jiffirma l-bail book ġewwa l-Għassa tal-Belt. Infurmawni mill-Għassa tal-Belt li ġie arrestat, jiena kont qiegħed meeting dakinhar u ma stajtx immur allura bgħatt lil xi pulizija biex jarrestawh u kif infurmawh bl-arrest (ovvjament kien diġà nfurmat mill-*

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020, fol. 62 u 63 tal-proċess.
[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020, fol. 65 sa' 68 tal-proċess.

*pulizija tal-Belt), ċempilli dan il-pulizija u għidtlu kif tkellmu għidtlu staqsih għall-karozza u dan il-pulizija li huwa PC 1080 Evan Scerri, tkellem ma Patrick u qallu li l-karozza kien biegħha. Għidtilhom duru dawra xorta biex naraw jekk forsi narawhiex fl-inħawi tal-Belt u kien jafu fejn joqgħod għax kellhom l-address tiegħu fuq il-warrant u ma sabuhiex din il-karozza. Ftit tal-ħin wara lmenta li kien qed juġgħu sidru u ttieħed lejn il-poliklinika tal-Furjana. In the meantime jiena lħaqt lestejt mix-xogħol li kelli u għidt lill-istess pulizija biex jiġi għalija u kien hemm pulizija ieħor PC 180 Matthew li qagħad miegħu l-polyclinic tal-Furjana. Qabel ma morna l-polyclinic, lill-kollega tiegħi għidtlu ejja nduru naqra l-Belt naraw jekk narawx din il-karozza u x'ħin soqna ghal quddiem fejn joqgħod Patrick Mangion li jiġi Triq Sant Andrija jidhirli għax fuq il-Google qiegħda mod u tal-Belt jafuha mod ieħor (fuq il-Google qiegħda Triq Sant Iermu però tal-Belt jafuha bħala Triq San Bastjan). Din bażikament tiġi l-Gunpost tal-Belt, taqbeż il-Gunpost, terġa ddur u dik it-triq qabel ma taqbad it-telgħa ta Sant Iermu u sibna l-karozza qiegħda tiġi pparkjata minn persuna, waqqafnieh, staqsejnieh il-karozza ta min hi, qalilna li ma kinitx tiegħu u qalilna li Carmen Spiteri talbitu biex jipparkjahielha hemmhekk. Imbagħad ftit wara ġiet Carmen Spiteri, għidtilha li wkoll kellha mandat ta arrest fil-konfront tagħha għax kellna suspett li kienet qed tagħmel xi serq mal-imputat, ġiet infurmata bl-arrest tagħha u staqsejtha l-karozza għalfejn ġiet hawn u qaltli għax il-karozza ma stajtx inħalliha fejn kienet u ġibniha hawnhekk biex tkun ipparkjata sura. Il-karozza ġiet siġillata, intefgħet fixed point magħha u Carmen Spiteri ttieħdet il-lockup biex inkellmuha. Qabel ma ttieħdet il-lockup għamilnielha search fid-dar tagħha ghal xi ħwejjeġ jew xi affarijiet relatati mas-serqa u ma nstab xejn fir-residenza tagħha. Carmen ittieħdet lejn il-lockup u wara li ttieħdet hemm bqajna sejrin il-polyclinic fejn hemmhekk erġajt kellimt lil Patrick, erġajt infurmajtu bl-arrest u nfurmajtu bl-arrest tas-sieħba tiegħu u bil-karozza. Erġajt tajtu d-disclosure l-full, staqsejtu lil min irid ikellem bħala avukat u semmieli lil Dr. Abela u cempiltlu bil-mobile tiegħi stess, ħallejtu biex jitkellem waħdu u x'ħin qata bażikament qalli li jixtieq jammetti għaliex dawn l-affarijiet xtaq li jeħlishom għax kien għaddej minn żmien ħażin u qalli basta ma ndaħħlux lil Carmen fiha għax ma kienet taf b xejn u l-affarijiet għamilhom kollox hu. Għidtlu issa dawn l-affarijiet issa nitkellmu, għidtlu jekk filkas erġa kellem lill-avukat u meta neħdulek l-istqarrija mbagħad niftehmu wara li tkellem lill-avukat. Għidtlu imma dan il-ħin qed tgħidli dawn l-affarijiet, għidtlu qed neħodhom bħala li għidthom inti, għidtlu imma lill-avukat dejjem involvih u bqajna hekk imsomma. Wara il-polyclinic morna d-dar tiegħu biex nagħmlulu s-search u kif dħalna d-dar tiegħu ġewwa Block C, Flat 7, Triq l-Ghajn, Valletta (però aħna dħalna mit-triq ta fuq li tiġi Triq Sant Iermu li spjegajt qabel fejn sibna l-karozza), dħalna fir-residenza tiegħu fejn dan mill-ewwel indikalna l-affarijiet li kien liebes dakinhar għax jiena urejtu l-filmat li kelli fuq il-mobile, għidtlu dan inti u qalli iva, dak jiena, il-karozza kkonfermaha u għidtlu l-ħwejjeġ jekk jogħġbok u tani l-ħwejjeġ li se nippreżentahom iktar tard li huma qmis blu skura bil-buttuni, żarbun qisu slipper iswed u shorts blu tal-Puma u bqajt nistaqsih għall-bastun u qalli l-bastun armejtu, qalli l-bastun*

*m għandix u dik kienet biċċa njama. Jiġifieri dan il-bastun biex niftehmu huwa l-istess bastun li jidher ħiereġ bih minn ġol-karozza tiegħu biex imur ikellem lil dak ix-xiħ li kien fuq l-għatba jiġifieri lil Joseph Sciberras. Wara li għamilna dan kollu, reġa ġie jkellimni u għidtlu kellem lill-avukat (dejjem bqajt ngħidlu biex ikellem lill-avukat) imbagħad qalli jekk hux aħna għall-Qorti u għidtlu iva mela, dażgur li għall-Qorti u qalli meta u għidtlu ma nafx jekk hux għada jew pitt għada. Qalli mela ħa nġib l-affarijiet għall-Qorti u reġa tela jġib l-affarijiet u morna lejn il-lockup. Aħna u sejrin lejn il-lockup għidtlu dak il-bastun żgur mhux qiegħed għandek u qalli le, mhux qiegħed għandi u għidtlu alright mela u dħalna lejn il-lockup. On the way għall-Għassa biex nerġa immur lura, ħabritni qalbi u għidt ħa mmur niċċekkja l-karozza. Morna l-garaxx fejn il-karozza, iċċekkjajniha bit-torch minn barra u stajt nara naqra il-bastun mill-ħġieġa ta wara jiġifieri l-bastun poġġieh is-seat ta wara għandu qisha platform (ma nafx x jgħidulha l-kelma teknika eżatt) u kien qiegħed hemmhekk u stajt nara mit-tieqa għax xegħlna naqra t-torch. Dak il-ħin mort għalih il-lockup, tellajtu fejn il-karozza, ftaħna l-karozza quddiemu, ħriġt il-bastun bl-ingwanti quddiemu u staqsejtu jekk hux dak kien il-bastun u baqagħli hekk u ħa jaqbad jgħidli għax frame up. Għidtlu Patrick dan mhux frame up, għidtlu l-bastun tiegħek u jidher fil-filmat. Għidtlu qbadtu bl-ingwanti u issa jekk qed tgħid li mhux tiegħek għidtlu naħtru esperti tal-Qorti, janalizzawh għad-DNA u għall-fingerprints u għidtlu iktar se tkabbarha. Imsomma waqfet hemm u ma bediex jitkellem, ingħalaq u ħadnieh lejn il-lockup. Kif konna se nibagħtu għalih l-għada, mar l-isptar matul il-lejl u mill-isptar imbagħad baqa sejjer Mt. Carmel jiġifieri mbagħad spiċċajna ressaqnieh meta ħadna ir-release minn Mt. Carmel jidhirli fit-3 ta dan ix-xahar.*

L-Ispettur Paul Camilleri esebixxa l-ħwejjeġ li għaddielu l-imputat kif ukoll il-bastun li nstab fil-vettura ta' l-imputat - Dok. "PC1" u Dok. "PC2". Esebixxa ukoll mobile ta' l-għamla Nokia ta' kulur iswed li nstab fil-pussess ta' l-imputat - Dok. "PC3" u esebixxa formalament il-vettura ta' l-għamla Toyota Corolla Axio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426 ta' kulur abjad kif ukoll sett ta' ritratti tal-ħwejjeġ, tal-bastun u tal-mobile elevati mill-pussess ta' l-imputat - Dok. "PC4" a fol. 70 sa' 75 tal-proċess.

- **L-Espert Tekniku John Sacco**[26] ippreżenta r-Relazzjoni[27] tiegħu relattivament għall-analiżi u ħruġ ta' stills rilevanti mill-filmat esebit minn PC 471 Michael Briffa, esebit bħala Dok. "MB". Fir-Relazzjoni tiegħu l-Espert Tekniku John Sacco kkonstata s-segwenti: *Analiżi tal-filmati ta' CCTV - Bejn 12:56:17 u 13:21:52 tad-9 ta' Novembru 2020 (CCTV time) tidher vettura ta' kulur ċar tipparkja f'triq waqt li persuna oħra liebsa maskra u qalziet ta' kulur ċar tasal bil-mixi u tpoggi fuq għatba ta' residenza viċin ta' fejn ipparkjat il-vettura. Il-kwalità tal-filmat ma huwa tali illi n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura ma jinqarax. Ftit wara toħroġ persuna twila u*

[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2021, fol. 85 u 86 tal-proċess.
[27] Dok. "JS" a fol. 87 sa' 104 tal-proċess.

*mibnija bil-bastun liebsa maskra, qmis, shorts tat-tip Bermuda ta' kulur skur minn in-naħa tal-lemin tal-vettura. Il-persuna bil-bastun tibda tikkomunika mal-persuna bil-qalziet ta' kulur ċar li qiegħda bil-qiegħda fuq l-għatba u wara ftit tpoġġi ħdejha. Iżjed tard il-persuna tal-qalżiet ta' kulur ċar tidħol fir-residenza, tirritorna b'xi karti u turihom lill-persuna tal-bastun. Aktar tard toħroġ persuna oħra minn in-naħa tax-xellug tal-istess vettura minn fejn ħarġet il-persuna bil-bastun. Din tħares lejn il-karti li għandha il-persuna bil-qalziet ta' kulur ċar imbagħad terġa tidħol fil-vettura. Wara ftit il-persuna bil-bastun u l-oħra tal-qalziet ta' kulur ċar jidħlu fl-istess residenza msemmija qabel. Fis-13:21:31 il-persuna bil-bastun toħroġ mir-residenza, tirkeb fil-vettura li waslet biha u titlaq.*

- **PS1365 Warren Chris Muscat**[28] illi xehed li meta kien xogħol ġewwa l-Għassa tal-Belt nhar it-23 ta' Novembru 2020, is-Surġent ta' fuqu kien infurmah li kellu jmur *fixed point* mal-vettura ta' l-imputat, liema vettura kienet ta' l-għamla Toyota u bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426 ta' kulur ċar, jew silver jew bajda. Huwa xehed illi *tawni fil-pussess tiegħi ċ-ċwievet mingħand min ħadtha ta' qabli u l-vettura ma ntmesset qatt. Jiena qgħadt ħdejha u la jiġifieri użajt iċ-ċwievet biex ftaħt is-serratura, iċ-ċwievet kienu għandi u jiena qgħadt magħha għassa.* Xehed li huwa ħa over minn PC1048 Darren, *imbagħad jiena għamilt siegħa għaliex dan kollu sar xi s-sitta, fis-sitta u nofs ġejt infurmat, fis-sebħgha kont qiegħed fuq il-post u fit-tmienja erġajt inbdilt.*

- **Stephen Cachia** in rappreżentanza ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta[29], illi xehed illi l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426 hija vettura ta' l-għamla Toyota Corolla ta' kulur abjad u hija reġistrata f'isem Patrick Mangion, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 68773(M), u ilha hekk reġistrata f'ismu sa' mit-2 ta' Ottubru 2020. In sostenn ta' dak minnu affermat, Stephen Cachia ppreżenta dokument markat Dok. "SC" a fol. 145 sa' 147 tal-proċess.

- **PC1048 Darren Darmanin**[30] illi xehed illi *fit-23 ta' Novembru tas-sena 2020 għall-ħabta tas-18:00p.m., il-ħin li aħna nibdlu s-shifts tagħna, ġejt mitlub biex ninżel għassa ma' karozza l-Belt Valletta, jiena nżilt fil-post, sibt lil PC1395 li għaddieli ċ-ċwievet tal-karozza u qalli li fi ftit mumenti kien se jiġi t-towtruck għaliha. Jiena ħadt il-handover, tani ċ-ċavetta, huwa telaq u ftit minuti wara ġie t-towtruck li qabel ma ttowja l-karozza ċċekkjajniha bħala proċedura normali u ħadha lejn il-garaxx tal-Pulizija. ... Il-karozza kienet ipparkjata fi Triq San Bastjan, il-Belt Valletta, jiġifieri int u sejjer lejn Sant' Iermu, id-dawra ta' barra u l-karozza kienet Toyota ta' lewn abjad. ... Kienet viċin ir-residenza ta' l-imputat.* Ix-xhud għaraf lill-imputat ġewwa l-Awla.

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2021, fol. 142 u 143 tal-proċess.
[29] Fol. 144 tal-proċess.
[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2021, fol. 154 u 155 tal-proċess.

- **L-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar**[31] illi eżaminat il-bastun esebit mill-Ispettur Paul Camilleri bħala Dok. "PC2" u in segwitu għamlet komparazzjoni bejn id-DNA rilevat fuq il-bastun u d-DNA ta' l-imputat. Fl-ewwel Relazzjoni tagħha - Dok. "MC" a fol. 168 sa' 171 tal-proċess - l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar ikkonkludiet illi *mill-kampjun li ttieħed mill-bastun, ħareġ profil ġenetiku mħallat (x'aktarx 2 kontributuri) fejn il-kontributur ewlieni jidher li huwa raġel.* Fit-tieni Relazzjoni tagħha - Dok. "MCX" a fol. 177 sa' 181 tal-proċess - l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar ikkonkludiet illi *mill-kampjun li ttieħed mill-bastun ħareġ profil ġenetiku imħallat (x'aktarx 2 kontributuri). Meta wieħed jikkonsidra l-ipoteżi (H1 u H2) il-likelihood ratio (LR) ta' 3.75x10*$^{27}$ *jikkorrobora l-ipoteżi ġenetiku li ħareġ mill-kampjun, seta' ħareġ jekk Patrick Mangion u l-persuna oħra huma kontributuri. LR = H1/H2 = Probabilità li joħroġ dan il-profil ġenetiku jekk Patrick Mangion u persuna oħra huma kontributuri/Probabilità li joħroġ dan il-profil ġenetiku jekk 2 persuni oħra tal-popolazzjoni huma kontributuri.* Meta xehdet dwar din il-konklużjoni l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar iddikjarat li *kelli estensjoni ta' l-inkarigu biex nagħmel analiżi ta' komparazzjoni bejn il-profil ġenetiku li kien ħareġ minn bastun iswed u l-profil ġenetiku ta' Patrick Mangion. Għamilt l-analiżi ta' komparazzjoni u wieħed mill-profili ġenetiċi li kien hemm fil-bastun jaqbel ma' dak ta' Patrick Mangion.*

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli nhar it-2 ta 'Novembru 2020, għall-ħabta ta '14:00hrs minn ġewwa 2, Vjal Simmons, Tarxien, ikkommetta serq ta 'flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok u l-valur, liema ammont ma jeċċedix €2,329.37, u dan għad-detriment ta 'Joseph Sciberras, anzjan ta ' sitta u sittin sena u/jew persuni oħra.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, il-Prosekuzzjoni resqet is-segwenti xhieda:

- **L-Ispettur Sarah Zerafa**[32] illi xehdet li fit-2 ta' Novembru 2020 kienet ġiet infurmata li persuna anzjana, ċertu Joseph Sciberras, għamel rapport li meta kien id-dar tiegħu, No.2, Vjal Simmons, Ħal-Tarxien, avviċinawh tnejn min-nies, raġel u mara, u qalulu li kien rebaħ xi lotterija u b'hekk rebaħ arloġġ. Joseph Sciberras qalilhom li huwa ma kien rebaħ l-ebda lotterija iżda dawn it-tnejn min-nies baqgħu baqħgu biex daħlu fir-residenza tiegħu. Waqt li kienu fir-residenza tiegħu dawn serqulu €240 mill-kartiera tiegħu u x'ħin ikkonfronthom, ir-raġel għall-ewwel ċaħad iżda imbagħad imbuttaħ u hu u l-mara ħarġu 'l barra mid-dar. L-Ispettur Zerafa xehdet ulterjorment illi *l-Pulizija bdiet tfittex il-cameras tal-madwar u minn filmat ta' residenza 109, Triq Santa Marija, Ħal-Tarxien, dehret karozza bajda li kienet ipparkjata u*

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2021 u is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021.
[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020, fol. 44 u 45 tal-proċess.

*dehret taqla. Din il-vettura kienet ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426 u li hija reġistrata fuq Patrick Mangion bl-ID Card number 68773(M). Wasalna li din il-vettura hija relatata ma' din is-serqa minħabba li l-anzjan, Joseph Sciberras, kien qalilna li meta dawn iż-żewġ persuni, raġel u mara, kienu ħarġu mir-residenza tiegħu bil-flus tiegħu, kienu rikbu f'din il-karozza bajda u telqu mill-ewwel minn fuq il-post.*

- **Joseph Sciberras**[33], illi xehed li huwa għandu sitta u sittin sena u jgħix Nru. 2, Simmons Avenue, Ħal-Tarxien. Dwar ir-rapport li għamel mal-Pulizija huwa ddikjara li *l-ġurnata ma niftakarx meta kienet però jiena kont id-dar u ġew iħabbtuli, baqgħu deħlin fuqi, qaltli li rbaħt arloġġ u l-arloġġ huwa dan* - esebit minnu bħala Dok. "JS" a fol. 60 tal-proċess. *Għidtilha jiena ma ħadtx numri f arloġġ u għidtilha ma nafx x inhu l-arloġġ xejn jiena. Qaltli jimporta ssib il-biljetti tal-arloġġ u għidtilha jiena qed ngħidlek li jiena ma ħadtx numri u qaltli jimporta jekk ittini naqra l-id card ħalli niġbru naqra n-numru u tajtulha u l-kartiera ħallejtha fuq il-mejda tas-salott. Imbagħad għidtilha mela ħa nfittixlek karta u biro biex inniżżillek in-numru tal-id card u sakemm qed infittex seraqli l-flus mill-kartiera, imbuttani, talabni biex jagħmel toilet, talabni l-kafè imbagħad għidtilha biex tagħtini l-id card u kif kont ħa ndaħħal l-id card ma sibtx il-flus u infqajt nibki jiena. Għidtilhom ħa nagħmel rapport lill-pulizija u x'ħin għidtilhom hekk ħarbu jiġru. Marru faċċata u kien hemm karozza bajda. Dak li ġara biss.* Joseph Sciberras iddikjara li ma kien qed jagħraf lil ħadd fl-Awla. Huwa kompla jixhed li ħadulu s-somma ta' €243 u li *mbuttani għaliex għidtlu hawnhekk kelli l-flus fil-kartiera jiena. Qalli le u kien hemm oħra miegħu u qaltli le ta ma missejnielek xejn. Għidtilha mela ħa ċempel u nagħmel rapport lill-pulizija u kif għidtilha hekk fetħu l-bieb u ħarbu jiġru u telqu b karozza bajda li kienet ipparkjata faċċata tad-dar tiegħi. Il-karozza ma nafx x jisimha għax jiena ma nifhimx fil-karozzi jiġifieri. ... Fetħu l-bieba, jiena ħriġt barra ngħajjat għall-għajjut u kif ħriġt ngħajjat għall-għajjut, rikbu fil-karozza u telqu.*

  In kontro-eżami għall-mistoqsija *jiġifieri inti qed tgħidilna illi lil din il-persuna ma rajtux jieħu l-flus imma wara x'ħin iċċekkjajt il-kartiera dehrlek illi kien hemm il-flus neqsin?* Joseph Sciberras wieġeb: *Għax imbagħad jiena tlabtha l-id card biex ittihieli ħa nagħmilha fil-kartiera u x'ħin mort biex nagħmilha fil-kartiera, il-flus ma sibthomx. Il-flus ħadhomli sakemm mort fil-kexxun inġib biro u karta biex tikteb fuqha l-id card number.* In ri-eżami ddikjara li huwa kien ħalla l-kartiera fuq il-mejda tas-salott wara li ta l-ID Card lill-persuna femminili li kienet ma' dan ir-raġel sakemm mar iġib karta u biro u saħaq li sakemm kien qed jagħmel hekk ittieħdulu l-flus mill-kartiera.

- **PS831 Jonathan Bordieri**[34], illi kkonferma li d-dokument Dok. "SZ7" a fol. 18 sa' 20 tal-proċess huwa rapport li għamel joseph Sciberras fit-2 ta' Novembru 2020, fejn irrapporta li huwa kien ġie misruq minn ġewwa daru

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020, fol. 56 sa' 59 tal-proċess.
[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020, fol. 61 tal-proċess.

Nru.2, Vjal Simmons, Ħal-Tarxien u senjatament insterqitlu s-somma ta' €240.

Għall-finijiet ta' osservazzjonijiet legali, il-Qorti ser tittratta l-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat flimkien in kwantu entrambe jittrattaw dwar ir-reat ta' serq aggravat bil-lok u bil-valur a detriment ta' żewġ anzjani, wieħed (Alexander Cauchi) ta' 70 sena u l-ieħor (Joseph Sciberras) ta' 66 sena.

Il-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jagħtix definizzjoni tar-reat ta' serq. Id-definizzjoni ta' dan ir-reat mogħtija minn Carrara hija *contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro*. Il-Professur Mamo, fil-*Notes on Criminal Law*, jispjega li *an analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:- (1) The contrectatio of a thing; (2) belonging to others; (3) made fraudulently; (4) without the consent of the owner; (5) animus lucrandi.* Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **The Police v. Siddy Sangari**, deċiża fit-18 ta' Marzu 2010, *with regard to the first ingredient listed above being the contrectatio" or the taking of the object, it is clear that the intention of the person taking the object must be a permanent one, meaning that the intention of the thief must be to appropriate himself of an object belonging to another without the intention of returning it to him. In fact our law distinguishes between the crime of theft in terms of Section 261 of the Criminal Code and the so called furto d uso as contemplated in Section 288 of the Criminal Code, which crime carries the punishment established for contraventions.*

Fir-rigward ta' l-element intenzjonali tar-reat ta' serq issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Galea** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Jannar 2003, fejn ġie osservat illi: *l-element intenzjonali ta dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wieħed jieħu l-oġġett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegħ. Kif jgħid il-Carrara [op.cit. Vol. IV, para. 2035:- il dolo specifico del furto consiste nell intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll uso della cosa altrui" u per lucro qui non s intende un effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso" u l-Crivellari jgħid:- L elemento intenzionale nel furto non si costruisce già col solo animo di prendere ma coll animo di lucrare. Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958, Vol. II, p. 305] jispjega hekk:- The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one s self...." u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para. 1843 jgħid:- il profitto ... deve intendersi cosi nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale, ma nell ampio senso della parola" u aktar l isfel:- ...per lucro o profitto nel furto si intende non*

*soltanto il lucro borsuale che può ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso.” Imbagħad il-Cassazione ta Ruma ukoll irriteniet li:- Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata.” [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p..140] Il-Professur Mamo iżid jelabora [op.cit.] ..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing) ...the crime of theft juridically continues to subsist, inasmuch as the animus lucrandi” was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases” Però l-istess awtur ikompli jgħid (op. cit. p. 306) li:- The animus lucrandi” is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right, in which case you may have in appropriate circumstances, the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code”. L-istess jgħid Maino [op.cit. para 1844]:- Se la sottrazione della cosa altrui è commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno, o per esercitare sulla cosa un diritto ancorchè controverso, esula dal fatto, per comune consenso degli scrittori e per il concetto dell articolo in esame, l'imputabilità a titolo di furto” u Ricorrendo gli altri estremi voluti dall art 235 cod. pen., non sarà dunque applicabile il titolo di furto, ma quello di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto; e ciò perchè in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno .” Il-Carrara (op. cit. Vol.IV, para. 2036 ) ukoll jgħid li:- Si esclude in colui che credeva di aver ragione sopra la cosa o intendeva a ricattare un suo credito: il quale si renderà responsabile di ragion fattasi ma non di furto.”*

Fil-każ in eżami l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li Alexander Cauchi u Joseph Sciberras kienu entrambe vittimi tar-reat ta' serq in kwantu mix-xhieda tagħhom, li l-Qorti tqis li hija fermament kredibbli, jirriżulta b'mod ċar ħafna li tteħdulhom beni di proprjetà tagħhom - giżirana tad-deħeb lil Alexander Cauchi u s-somma ta' €243 lil Joseph Sciberras - b'mod frawdolenti u mingħajr il-kunnsens tagħhom u ċertament mhux f'ċirkostanzi tali li juru li l-intenzjoni wara tali teħid kienet waħda ta' raġjon fattasi jew ta' serq ta' l-użu biss tal-ħaġa misruqa. Il-kwistjoni kollha però tirrivolvi madwar il-fatt jekk l-imputat kienx il-persuna li wettaq dawn ir-reati fil-konfront ta' Alexander Cauchi u ta' Joseph Sciberras rispettivament.

F'tali rigward il-Qorti ser tibda bl-osservazzjonijiet Tagħha dwar it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, ossia dik ta' serq aggravat bil-lok u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 a detriment ta' Joseph Sciberras, u dana

billi fil-fehma Tagħha l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ assolutament ma irnexxilhiex tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa l-persuna li effettivament wettaq tali reat fil-konfront ta' Joseph Sciberras.

Jiġi osservat li Joseph Sciberras ma rnexxielu jagħraf lil ħadd fl-Awla dakinhar illi xehed quddiem il-Qorti - ossia fis-16 ta' Diċembru 2020 - u għalkemm l-Ispettur Sarah Zerafa ddikjarat li in konnessjoni ma' dan il-każ *il-Pulizija bdiet tfittex il-cameras tal-madwar u minn filmat ta' residenza 109, Triq Santa Marija, Ħal-Tarxien, dehret karozza bajda li kienet ipparkjata u dehret taqla. Din il-vettura kienet ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426 u li hija reġistrata fuq Patrick Mangion bl-ID Card number 68773(M),* għal raġunijiet li taf hi biss, il-Prosekuzzjoni ma ippreżentatx dan il-filmat. Bir-rispett kollu lejn l-Ispettur Sarah Zerafa u x-xhieda mogħtija minnha, la hija xehdet dwar dak li rat minn fuq il-filmat, dak l-istess filmat kien prova essenzjali għall-Prosekuzzjoni u ċertament ma tistax tippretendi li fin-nuqqas ta' l-istess il-Qorti tista' b'xi mod tasal għall-konklużżjoni li l-imputat huwa verament u realment il-persuna li wettaq tali reat.

Fid-dawl ta' dan għalhekk, il-Qorti tqis li ma tistax issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-istess.

Is-sitwazzjoni hija differenti għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, ossia fir-rigward tar-reat ta' serq aggravat bil-lok u bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 a detriment ta' Alexander Cauchi.

F'tali rigward għalkemm hawn ukoll Alexander Cauchi ma għaraf lil ħadd fl-Awla dakinhar illi xehed fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Prosekuzzjoni ressqet provi oħra li fil-fehma tal-Qorti juru biċ-ċar li dan ir-reat fil-fatt twettaq mill-imputat. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat filmat meħud minn CCTV Camera fi Triq Ġanni Vassallo kantuniera ma' Triq Ġużeppi Saliba, Luqa, - Dok. "MB" esebit PC471 Michael Briffa - minn liema filmat jidhru b'mod ċar ħafna Alexander Cauchi, li addirittura għaraf lilu nnfisu mill-istill maħruġ minn dan il-filmat, u l-imputat li ħareġ mill-vettura pparkajata quddiem ir-residenza ta' Cauchi. Jidher ukoll li l-imputat għamel ammont ta' ħin jitkellem ma' Alexander Cauchi, imbagħad jidher jidħol fir-residenza tiegħu u wara ftit jerġa' joħroġ, jitla' fil-karozza u jsuq 'l hemm. Minn dan il-filmat, u kuntrarjament għal dak affermat mill-Espert Tekniku John Sacco, in-Numru tar-Reġistrazzjoni tal-vettura bajda pparkajata quddiem ir-residenza ta' Alexander Cauchi u li minnha ħareġ l-imputat, jista' jingħaraf, partikolarment mill-partijiet tal-filmat fejn il-vettura ġiet fid-dell u mill-filmati bil-*file number* 12_01_M_09112020131241.avi, 13_01_M_09112020131442.avi u 14_01_M_09112020131522.avi, u allura n-Numru ta' Reġistrazzjoni jidher aħjar. In effetti n-Numru ta' Reġistrazzjoni li jista' jingħaraf huwa KBN-426, li mix-xhieda ta' Stephen Cachia, rappreżentant ta' l-Awtorità ta' Malta għat-Trasport, jirriżulta li huwa n-Numru ta'

Reġistrazzjoni ta' vettura ta' l-għamla Toyota Corolla ta' kulur abjad reġistrata f'isem l-imputat.

Apparte minn hekk, il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll il-bastun[35] li l-imputat jidher li kien bih dakinhar li ltaqa' ma' u daħal fir-residenza ta' Alexander Cachia, liema bastun instab fil-vettura ta' l-imputat, ossia l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426, u li fuqu fih traċċi tad-DNA ta' l-imputat[36]. Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll il-ħwejjeġ misjuba fir-residenza ta' l-imputat li huma l-istess ħwejjeġ li jidher liebes fil-filmat esebit bħala Dok. "MB". Dawn il-ħwejjeġ ġew esebiti mill-Ispettur Paul Camilleri fis-16 ta' Diċembru 2020 bħala Dok. "PC1" u għandhom Esebit Nru. KA 152/2021[37] u ġew esebiti wkoll ritratti ta' l-istess markati Dok. "PC4" a fol. 70 sa' 72 tal-proċess.

Dawn l-elementi kollha jpoġġu lill-imputat fuq ix-xena tar-reat iżda iktar minn hekk, ix-xhieda ta' Alexander Cauchi, liema xhieda jiġi ribadit hija fermament kredibbli, turi biċ-ċar li kien l-imputat u ħadd ħlief l-imputat li seraq il-ġiżirana tad-deheb li dan Alexander Cauchi kellu fuq il-bank tal-kċina, proprio fit-triq (*on the way to)* għat-toilet tar-residenza tiegħu li ġie użat mill-imputat meta daħal fir-residenza. Għalkemm fis-sottomissjonijiet finali d-Difiża argumentat li din il-ġiżirana setgħet faċilment ittieħdet minn oħt l-imputat illi diversi drabi stqarret miegħu li xtaqet dik il-ġiżirana għaliha, din l-allegazzjoni tad-Difiża però ma hija xejn ħlief allegazzjoni *campata in aria* li bl-ebda mod ma tista' tixhet dubji fuq dak li jirriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. In effetti Alexander Cauchi ripetutament iddikjara li għalkemm ġieli jmorru jżuruh ħutu, bejn dakinhar li l-imputat daħal għandu u l-ġurnata meta nduna li l-ġiżirana kienet nieqsa, ossia bejn it-Tnejn 9 ta' Novembru 2020 u l-Erbgħa 12 ta' Novembru 2020, il-ġurnata ta' qabel ma għamel ir-rapport mal-Pulizija, ma kien mar ħadd għandu ħlief appuntu l-imputat. Apparte minnhekk, Alexander Cauchi ddikjara bla eżitazzjoni ta' xejn illi ħutu qass qatt ma messewlu xejn.

Dejjem fis-sottomissjonijiet finali d-Difiża ssottomettiet li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma huma xejn għajr provi indizzjarji li bl-ebda mod ma jistgħu jitfgħu ħtija fuq l-imputat għas-serqa mwettqa a detriment ta' Alexander Cauchi. Fir-rigward il-Qorti tosserva li għalkemm l-oneru tal-Prosekuzzjoni fi proċeduri kriminali huwa li tipprova l-ħtija ta' l-imputat 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif osservat minn Lord Denning fil-każ "Miller vs. Minister of Pensions" – [1974 2 All ER 372 ]: *Proof beyond reasonable doubt does not mean proof beyond a shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: of course it is possible but not in the least probable", the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice*. Apparte minn hekk huwa ormai ben stabbilit

[35] Dok. "PC2", esebit mill-Ispettur Paul Camilleri waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020.
[36] Relazzjoni ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar markata Dok. "MCX" u xhieda mogħtija minnha waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021, fol. 176 tal-proċess.
[37] Fol. 149 tal-proċess.

fis-sistema ġuridika nostrali li *l-provi fil-kamp kriminali jistgħu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu suffiċjenti biex inisslu konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mir-reità ta l-imputat*[38].

Il-kunċett tal-provi indizzjarji ġie diversi drabi trattat mill-Qrati nostrali u fir-rigward ingħad u ġie osservat illi: *provi jew indizzji cirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, cioè mhux ambigwi. Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u li jwasslu, meħuda lkoll flimkien, għal konkluzzjoni li kien l-akkużat u ħadd aktar, anzi l-akkużat biss, li kien il-ħati u li l-provi li tressqu kienu nkompatibbli mal-presunzjoni ta' l-innoċenza tiegħu*[39]. *Provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf b'sensiela ta' għoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni*[40]. *L-assjem tal-provi kien tali li a bażi tiegħu l-ġurati setgħu raġonevolment u b'konvinċiment morali trankwill għall-aħħar jaslu għall-konklużjoni li ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inevkwivokabilment għall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieġ li jkunu univoċi*[41].

Dwar *circumstantial evidence* Archibold jgħallem illi *circumstantial evidence has been defined as "… evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics. Lord Hewart C.J. in Taylor, Weaver and Donovan, 21, Cr. App. R. 20, CCA at 21. Lord Normand in Teper v. R. [1952] A.C., 480, PC at 489, stated in relation to circumstantial evidence that: "It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another … It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference. On the other hand it has been said that circumstantial evidence is often the best evidence. It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial evidence*[42].

Meta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni - hekk kif delineati iktar 'l fuq f'din is-sentenza - jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti ġuridiċi, il-Qorti tqis li huma suffiċenti biex inisslu fiha l-konvinċiment morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mir-reità ta' l-imputat. Di fatti, jiġi ribadit, minn dawn l-istess provi jirriżulta li l-imputat wasal quddiem ir-residenza ta' Alexander Cauchi bil-vettura tiegħu, wara li għamel ċertu ħin jitkellem ma' Cauchi daħal fir-residenza tiegħu bl-iskuża li kellu bżonn juża t-toilet, hu u sejjer lejn it-toilet għadda minn ħdejn il-bank tal-kċina fejn kien hemm il-ġiżirana u hekk kif lesta mit-toilet,

[38] Il-Pulizija v. Dylan Agius, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Lulju 2016 u Il-Pulizija v. Paul Grech, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' April 2001.
[39] Il-Pulizija v. Jason Lee Borg et, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Ġunju 1998.
[40] Il-Pulizija v. David Gatt, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Ġunju 1998.
[41] Repubblika ta' Malta v. Angel sive Angelo Bajada, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Mejju 2009.
[42] Il-Pulizija v. Natal Fava, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-4 ta' Ottubru 2016.

baqa' ħiereġ 'l barra, daħal fil-karozza u telaq minn fuq il-post. Kien wara li l-imputat daħal fir-residenza ta' Alexander Cauchi u meta ħadd iktar ma kien ma jżuru, li dan Cauchi rrealizza li l-ġiżirana tad-deheb li kellu fun il-bank tal-kċina sparixxiet u ma nstabitx iktar.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti tirribadixxi li hija konvinta li kien l-imputat u ħadd ħlief l-imputat illi seraq il-ġiżirana tad-deheb appartenenti lil Alexander Cauchi.

L-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' serq aggravat bil-lok u bil-valur a detriment ta' dan Alexander Cauchi.

Ai termini ta' l-Artikolu 269(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat ta' serq huwa aggravat bil-lok meta jsir f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha. Mill-provi prodotti ampjament jirriżulta li l-ġiżirana tad-deheb appartenenti lil Alexander Cachia nsterqet mir-residenza tiegħu. Għaldaqstant l-aggravju tal-lok jirriżulta ppruvat 'l hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta *s-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).* Fir-rigward ta' dan l-aggravju partikolari, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-ġiżirana tad-deheb misruqa lil Alexander Cauchi kienet tiswa iktar minn €232.94.

Mistoqsi dwar il-valur tal-ġiżirana, Alexander Cauchi wieġeb *ħuti l-bniet ikkalkulaw li tiswa 600*, iżda mistoqsi jekk hux €600 jew Lm600 wieġeb *ma nafx, lili qaluli hekk ħuti.* Mistoqsi jiddeskriviha, wieġeb *hi rqiqa, kellha wiċċ ta' Kristu sabiħ, kellha ċurkett bi Kristu msallab.* Bla dubju ta' xejn, a bażi ta' din ix-xhieda ta' Alexander Cauchi, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tasal għall-konklużjoni li l-ġiżirana in kwistjoni tiswa iktar minn €232.94 u li addirittura tiswa €600.

Il-mod kif il-Qorti tista' tasal għall-valur ta' l-oġġett misruq huwa billi: (i) jew jiġi apprezzat direttament mill-ġudikant, ossia l-ġudikant ikun jifhem biżżejjed, jista' jiddetermina huwa stess l-valur ta' l-oġġett billi jeżamina l-oġġett in kwistjoni - ħaġa li fil-każ in eżami ma tistax issir peress illi l-ġiżirana ma ġietx irkuprata wara li nsterqet u lanqas ma ġie prodott imqar ritratt tagħha; (ii) jew li l-parti leża tgħid kemm jiswa l-oġġett misruq - ħaġa li f'dan il-każ ma saritx b'mod sodisfaċenti in kwantu x-xhieda ta' Alexander Cauchi hija bbażata fuq dak li qalulu ħutu, li però lanqas tressqu - imqar wieħed minnhom - bħala xhieda; (iii) jew billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar il-valur ta' l-oġġett misruq - ħaġa li fil-każ in eżami ma setgħetx issir.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' serq aggravat bil-valur iżda tista' u għandha ssibu ħati ta' serq aggravat

bil-lok a detriment ta' Alexander Cauchi, raġel ta' sebgħin sena fiż-żmien tat-twettiq tar-reat, hekk kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu bis-segwenti Digrieti għall-Ħeslien mill-Arrest:

- Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 14 ta' Diċembru 2017 u parzjalment varjat fit-12 ta' Ottubru 2018;
- Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 17 ta' April 2019; u
- Digriet ieħor mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 4 ta' Awwissu 2020.

Id-Digrieti in kwistjoni ġew esebiti mill-Prosekuzzjoni u minnhom jirriżulta li:

- Bid-Digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru 2017 - Dok. "SZ4" a fol. 11 tal-proċess - l-imputat fil-proċeduri li fihom ġie pronunċjat id-Digriet, ingħata l-Ħeslien mill-Arrest taħt diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u li jagħmel tajjeb għal tali benefiċċju bid-depożitu tas-somma ta' €2,000 u b'garanzija ta' €3,000. B'Digriet datat 12 ta' Ottubru 2018[43] ukoll mogħti mill-Maġistrat Dr. Carloline Farrugia Frendo id-Digriet ta' l-14 ta' Diċembru 2017 ġie varjat in kwantu rigwarda l-kondizzjoni tar-rinkażar biss.

  L-Ispettur Saviour Baldacchino[44] xehed illi d-Digriet datat 14 ta' Diċembru 2017 ingħata fil-konfront ta' l-imputat odjern fil-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) v. Patrick Mangion et" u kkonferma li dawn il-proċeduri għadhom pendenti u li l-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest għadhom in vigore.

- Bid-Digriet mogħti fis-17 ta' April 2019 - Dok. "SZ3" a fol. 10 tal-proċess - l-imputat fil-proċeduri li fihom ġie pronunċjat, ingħata l-Ħeslien mill-Arrest taħt diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta 'natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u li jagħmel tajjeb għal tali benefiċċju bid-depożitu tas-somma ta€ '5,000 u b'garanzija ta€ '15,000.

  Dan id-Digriet però ġie revokat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Patrick Mangion" deċiża fit-12 ta' Diċembru 2019[45] u cioè qabel ma twettaq ir-reat ta' serq aggravat bil-lok fil-konfront ta' Alexander

---

[43] Fol. 12 tal-proċess.
[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2021, fol. 161 tal-proċess.
[45] Dok. "PC8" a fol. 123 sa' 140 tal-proċess.

Cauchi u li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat. Fid-dawn ta' tali revoka, il-Qorti tqis li llum ma tistax tieħu konjizzjoni ta' imputazzjoni relattiva għall-ksur ta' Digriet li fiż-żmien tat-twettiq tar-reat kien revokat.

- Bid-Digriet mogħti fl-4 ta' Awwissu 2020 - Dok. "PC5" a fol. 107 u 108 tal-proċess - l-imputat fil-proċeduri li fihom ġie pronunċjat, ingħata l-Ħeslien mill-Arrest taħt diversi kondizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta 'natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u li jagħmel tajjeb għal tali benefiċċju bid-depożitu tas-somma ta' €2,000 u b'garanzija ta' €5,000.

  L-Ispettur Hubert Cini[46] xehed illi d-Digriet datat 4 ta' Awwissu 2020 - Dok. "PC5" a fol. 107 u 108 tal-proċess - ingħata fil-konfront ta' l-imputat odjern fil-proċeduri pendenti quddiem il-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech u ikkonferma li dawn il-proċeduri għadhom pendenti u li l-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest għadhom in vigore.

Una volta li l-imputat qed jinstab ħati li wettaq ir-reat ta' serq aggravat bil-lok a detriment ta' Alexander Cauchi fil-perijodu li kien bil-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest kemm bis-saħħa tad-Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 14 ta 'Diċembru 2017 u parzjalment varjat fit-12 ta ' Ottubru 2018 kif ukoll bid-Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 4 ta' Awwissu 2020, jirriżulta li huwa għandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu limitatament għal dawn iż-żewġ Digrieti.

Il-Prosekuzzjoni titlob li, f'każ ta' ħtija ta' l-imputat fir-rigward tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih, il-Qorti tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-sommom msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija **u** r-revoka tal-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat konċess bl-imsemmija żewġ Digrieti u r-ri-arrest mill-ġdid tiegħu.

L-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti* ***għandha***[47] *tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta* ***skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat***[48].

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta ċar li l-konfiska ta' l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija hija tassattiva iżda kemm minn

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2021, fol. 152 tal-proċess.
[47] Enfasi tal-Qorti.
[48] Enfasi tal-Qorti.

dak l-ammont għandu jiġi kkonfiskat huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, dipendenti fuq il-gravità tar-reat.

Fil-każ in eżami l-imputat qed jiġi akkużat u qed jinstab ħati tar-reat ta' serq aggravat bil-lok a dannu ta' persuna, ossia Alexander Cauchi, ta' sebgħin sena. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa reat li huwa ferm serju stante li l-vittma huwa persuna anzjana u r-reat twettaq ġewwa r-residenza tiegħu. Apparte minnhekk, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li r-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat twettaq biss ftit xhur wara li ngħata l-ħelsien mill-arrest bis-saħħa tad-Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech fl-4 ta' Awwissu 2020.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tqis li għandha tordna l-konfiska tas-segwenti: tad-depożitu stabbilit fid-Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 14 ta' Diċembru 2017 kif parzjalment varjat b'Digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru 2018, ammontanti għal €2,000 **u** tad-depożitu stabilit fid-Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 4 ta' Awwissu 2020, ammontanti għal €2,000.

Apparte minhekk u ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u fid-dawl tat-talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti tqis li għandha tordna r-revoka tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fis-17 ta' Diċembru 2017 u parzjalment varjat b'Digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru 2018 u b'hekk tordna r-ri-arrest mill-ġdid ta' l-imputat u tqis ukoll li għandha tirrevoka d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech fl-4 ta' Awwissu 2020 u b'hekk ukoll tordna r-ri-arrest mill-ġdid ta' l-imputat.

**L-Addebitu tar-Reċidiva:**

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 49(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.* L-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.* L-Artikolu 289(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li*: il-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

Għall-finijiet ta' l-addebitu tar-reċidiva l-Prosekuzzjoni ppreżentat: (i) il-Fedina Penali ta' l-imputat – Dok. "SZ8" a fol. 21 sa'32 tal-proċess; (ii) is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Patrick Mangion" pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Mejju 2001 – Dok. "PC6" a fol. 109 sa' 111 tal-proċess; (iii) is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Patrick Mangion et" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012 – Dok. "PC7" a fol. 112 sa' 122 tal-proċess; u (iv) is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Patrick Mangion" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2019 – Dok. "PC8" a fol. 123 sa' 140 tal-proċess.

Mis-sentenzi kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni l-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni biss is-sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2019 u dana billi: (i) bid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 23 ta' Mejju 2001, tħassret u ġiet revokata s-sentenza hemm appellata u l-appellant f'dawk il-proċeduri ġie mqiegħed mill-ġdid fil-posizzjoni li kien fiha immedjatament qabel ma ngħatat is-sentenza u ġie ordnat li l-atti jiġu rinvijati lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex dik il-Qorti tipproċedi ai temrini tal-Liġi fir-rigward tal-*probationer* Patrick Mangion; (ii) id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali taqa' barra mit-termini ta' żmien previsti fl-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet u in oltre u fi kwalunkwe każ ma tagħti ebda indikazzjoni li Patrick Mangion f'dawk il-proċeduri huwa l-istess Patrick Mangion f'dawn il-proċeduri.

In kwantu rigwarda s-sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2019, jirriżulta li din ingħatat fil-konfront ta' Patrick Mangion, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 68773(M), li jirriżulta li huwa l-istess imputat fil-proċeduri odjerni – vide estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat markat Dok. "SZ2" a fol. 9 tal-proċess. B'dik is-sentenza Patrick Mangion ġie kkundannat għall-piena komplessiva ta' tnax-il xahar priġunerija u r-reat li tiegħu qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri twettaq fid-9 ta' Novembru 2020, ossia ben entro t-terminu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement għalhekk l-imputat għandu jitqies u jiġi trattat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Apparte minhekk jirriżulta li l-imputat già kellu kundanni preċedenti relatati ma' reati ta' serq u għaldaqstant huwa għandu jitqies u jiġi trattat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konfiska tal-vettura ta' l-imputat:**

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura li serviet jew kienet maħsuba biex isservi sabiex isir ir-reat.

L-Artikolu 23(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *il-konfiska tal-corpus delicti, ta' l-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir*

*id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mill-liġi għad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti.*

Mill-provi prodotti u senjatament mill-filmat ta' CCTV esebit bħala Dok. "MB" jirriżulta li l-imputat wasal fil-post, ossia fi Triq Ġużepp Saliba, Luqa, quddiem ir-residenza ta' Alexander Cauchi, u telaq minn fuq il-post wara li seraq il-ġiżirana ta' l-imsemmi Alexander Cauchi, bil-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426, liema vettura rriżultat li hija di proprjetà tiegħu[49]. Ladarba din il-vettura kienet bżonjuża għall-imputat biex jasal fuq il-post fejn wettaq ir-reat u biex wara li seraq il-ġiżirana jitlaq minn fuq il-post, dak provdut fl-Artikolu 23(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jsib applikazzjoni fil-każ in eżami. Dan il-provvediment tal-Liġi jista' jiġi applikat f'dan il-każ stante li l-Ispettur Paul Camilleri ppreżenta formalment il-vettura ta' l-għamla Toyota Corolla Axio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426[50], li hija appuntu l-vettura involuta f'dan il-każ.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat kif ukoll il-Fedina Penali piuttost voluminuża tiegħu. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll li t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat - sa' fejn huwa nstab ħati tagħha - hija assorbita fl-ewwel imputazioni dedotta fil-kofront tiegħu - sa' fejn huwa instab ħati tagħha.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li ssib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 31, 49, 50, 261(e), 269(g), 281(a), 289 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati: (a) ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu limitatament għar-reat ta' serq aggravat bil-lok a detriment ta' Alexander Cauchi, anzjan ta' sebgħin sena; u (b) tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu limitatament għall-ksur tal-kondizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest imposti fuqu bid-Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 14 ta' Diċembru 2017, parzjalment varjat b'Digriet datat 12 ta' Ottubru 2018 **u** għall-ksur tal-kondizzjonijiet għall-Ħelsien mill-Arrest imposti fuqu bid-Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 4 ta' Awwissu 2020. In oltre l-Qorti ssib li l-imputat huwa reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet

[49] Vide xhieda ta' Stephen Cachia, rappreżentant ta' l-Awtorità ta' Malta għat-Trasport, mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2021, fol. 144 tal-proċess, u d-dokument esebit minnu markat Dok. "SC" a fol. 145 sa' 147 tal-proċess.
[50] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2020, fol. 65 sa' 68 tal-proċess.

ta' Malta. Għaldaqstant tikkundanna lill-imputat għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna il-konfiska tas-segwenti: tad-depożitu stabbilit fid-Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 14 ta' Diċembru 2017 kif parzjalment varjat b'Digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru 2018, ammontanti għal €2,000 **u** tad-depożitu stabilit fid-Digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 4 ta' Awwissu 2020, ammontanti għal €2,000.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tirrevoka d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fis-17 ta' Diċembru 2017, parzjalment varjat b'Digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru 2018 u b'hekk tordna r-ri-arrest mill-ġdid ta' l-imputat **u** tirrevoka wkoll id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech fl-4 ta' Awwissu 2020 u b'hekk ukoll tordna r-ri-arrest mill-ġdid ta' l-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 23(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura ta' l-għamla Toyota Corolla Axio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KBN-426, reġistrata fuq l-imputat.

In fine ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur is-somma komplessiva ta' €1,429.33[51] rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina f'dawn il-proċeduri ta' l-Espert Tekniku John Sacco u ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[51] €827.53 (fol. 92 tal-proċess) + €283.20 (fol. 171 tal-proċess) + €318.60 (fol. 180 tal-proċess) = €1,429.33.